# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Ħdax (11) ta’ Jannar 2024**

**Rikors Numru 978/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Damiano Bonventre (Passaport Taljan AA0458259) eżerċjenti l-kummerċ bħala Star Events**

**Vs**

**Lexema Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta’ Ottubru 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab illi l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-import ta’ €21,200 għal servizzi minnu reżi.

2. Rat illi fil-11 ta’ Diċembru 2020, is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi saħqet illi l-pagament kien attwalment sar u għalhekk ebda ħlas ma kien dovut.

3. Semgħet varji xhieda prodotti mill-partijiet.

4. Rat illi fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2023, il-konsulent legali tar-rikorrent għarraf lill-Qorti li “mhux qed jinsisti aktar fuq is-sorte iżda unikament fuq il-kap tal-ispejjeż.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2023, wara liema trattazzjoni il-kawża tħalliet għas-sentenza unikament fuq il-kap tal-ispejjeż.

## Ikkunsidrat

6. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi r-rikorrent, fit-3 ta' Lulju 2020, ħareġ invoice lis-soċjeta' intimata, "ref 191030-00243" fl-import ta' €21,200, u dana għal 'Marketing for Customer market research, Switzerland, France' u 'Disbursement fees".

7. Jirriżulta illi l-għada, 4 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' intimata effettwat pagament, indirizzat lill 'Star Events Ltd', bid-dettalji 'Marketing for customer market research ref 191030-002423" fl-ammont ta' €21,200.

8. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank, illi l-flejjes intbagħtu mill-kont tas-soċjeta' intimata fil-kont indikat mir-rikorrent, ossija fil-kont GB05BARC20060574741277, li kien il-kont indikat mir-rikorrent, li huwa kont ta' ditta bl-isem ta' The Currency Cloud Ltd u li jinsab mal-Barclays Bank ġewwa l-Ingilterra.

9. Jirriżulta illi l-kwistjoni kollha illi nqalghet kienet illi r-rikorrent beda jgħid illi tali flejjes qatt ma waslu għandu u The Currency Cloud kienu qed jgħidu illi ma setgħux isibu l-flejjes.

10. Jirriżulta, di fatti, illi għalkemm id-dettalji tal-kont indikat fit-trasferiment mill-Bank of Valletta lill-Barclays kienu tajbin, jirriżulta illi in-numru tar-referenza kien wieħed żbaljat fejn dak intimat mir-rikorrent kien '191030-00243' filwaqt illi dak indikat fit-trasferiment kien '191030-002423'- jiġifieri jidher illi kien hemm numru imdaħħal żejjed.

11. Jirriżulta illi dana l-iżball jidher illi wassal għal diverġenza bejn il-partijiet, li finalment wassal lir-rikorrent iniedi l-proċeduri odjerni filwaqt illi jippreżenta Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tas-soċjeta' intimata.

12. Jirriżulta ċar, fil-każ odjern, illi għalkemm in-numru bankarju kien wieħed tajjeb, in-numru ta' referenza kien żbaljat, u dana wassal għal tali azzjoni li damet titkaxkar għal aktar minn tlett snin

13. Jidher ċar illi, filwaqt illi s-soċjeta' intimata għamlet żball fin-numru ta' referenza, ċertament tali żball irriżorju ma jfissirx illi l-pagament ma kienx sar, kif kien qiegħed jikkontesta r-rikorrent, u l-Qorti tinstab konvinta illi kieku, flok ma nedew il-proċeduri odjerni, ir-rikorrent ħa l-passi kollha opportuni sabiex il-kwistjoni tiġi investigata u riżolta, ma kien ikun hemm qatt il-ħtieġa li tinfetaħ din il-kawża u titkaxkar għal tlett snin sħaħ.

14. Jidher ċar, għalhekk, illi fi-każ odjern, iż-żewġ naħat għandhom parti mir-responsabbilta' fil-kawża odjerna, u għalhekk ikun ġust illi kull parti tbagħti l-ispejjeż tagħha.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2023 fejn ir-rikorrent għarraf lill-Qorti illi ma kienx qiegħed jitlob aktar għall-ħlas tas-sorte iżda kien qiegħed jinsisti għall-ispejjeż;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-talba fejn jirrigwarda s-sorte mitlub filwaqt illi:

**Tordna** illi kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**